# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.8: Alla jgħallimna permezz ta' Ġesù**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

a) Jiċċelebraw b'attitudni ta' ferħ u ringrazzjament l-imħabba li Alla għandu għalina permezz ta' Ġesù permezz tal-kant.

b) Jagħrfu modi kif jistgħu jirringrazzjaw lil Alla

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Envelope
- Powerpoint Presentation: Stampi ta' affarijiet li nagħmlu kuljum biex imbagħad norbtuhom mad-diska.
- Diska: *A Beautiful Day.*
- Karta ta' taħriġ: 2.6.



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Uri lit-tfal stampa ta' envelopp u staqsihom x'qed jaraw u għal xiex jintuża.
- Oħroġ il-punt li l-envelopp nużawh jew biex inpoġġu xi ħaġa speċjali fih u nerfgħuh jew biex nibagħtu messaġġ jew ittra.
- Fakkar fl-istorja ta' Ġesù mat-tfal u staqsihom jekk jiftakrux x'messaġġ jaħsbu li Ġesù ta lit-tfal.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezjoni)**



- Uri stampa ta' Ġesù mat-tfal minn fuq il-*powerpoint* u għinhom jimmaġinaw u jassoċjaw ruħhom ma' xi tifel jew tifla mill-istampa.
- Staqsi: Kieku kont hemm x'kont tgħidlu lil Ġesù?
- Oħloq *role-play* permezz tal-istorja ta' Ġesù mat-tfal. Qassam ir-rwoli ta': tfal, ġenituri, appostli u Ġesù. Jistgħu jagħmluha fi gruppi u kull grupp jippreżenta r-*role play* tiegħu lill-bqija tal-klassi.
- Iffoka fuq il-parti tal-istorja meta t-tfal ser jitilqu minn ma' Ġesù u allura jridu jgħidulu x'ħa jagħmlu biex ikunu aktar tfal bil-għaqal.

- Uri lit-tfal stampi minn fuq il-*powerpoint*, ta' affarijiet li nagħmlu kuljum u li jgħinuna nsiru aħjar. Dawn l-istampi ser jiġu marbuta mad-diska li jmiss.
- Uri u semma lit-tfal id-diska: *A Beautiful Day* mir-Riżorsi. Ħalli t-tfal jieħdu pjaċir jisimgħu id-diska ta' Barney.
- Spjega l-karta ta' Taħriġ 2.6. Spjega li biex insir bil-għaqal irridu nagħmlu kif għamel *Ġesu'*.
- Spjega ftit l-istampi li kollha juru għajnuna u mħabba u għen lit-tfal ipinġu l-ittri ta' kull kelma mogħtija fuq kull sett ta' stampi u jpinġu l-istampi kif suppost. Spiċċa l-lezzjoni billi tfakkar lit-tfal li jekk aħna nagħmlu dak li hemm bżonn, kull ġurnata tkun ġurnata sabiħa.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Alla tana lil Ġesù bħala rigal.l
2. Nirringrazzjaw lil Alla b'dak li ngħidu u nagħmlu.
3. Aħna nirringrazzjaw lil Alla meta nfaħħruh, meta nitolbu u meta nagħmlu li hemm bżonn.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




- Naħdmu biex kuljum nagħmlu l-ġurnata tagħna u tal-oħrajn sabiħa billi nagħmlu dak li hemm bżonn. Ejjew naraw kif ser nag]mlu dan illum!

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Diska mir-riżorsi: *A Beautiful Day*



**Nitolbu**

Mulej Ġesù, għinni biex nitgħallem inkun aħjar biex b'hekk ġurnata tkun isbaħ mill-oħra għax inkun qed nagħmel dejjem dak li hu sewwa.

